**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 58/07**

L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2016 fis-18:00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *SKUŻAT* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | *SKUŻAT* |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**AGENDA**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;
5. Korrispondenza;
6. Attivitajiet għal żmien il-Milied 2016;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Materji Oħra;
9. Aġġornament.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i.
- Il-Kunsillier Frans Agius talab sabiex issir kjarifika f'paġna 4 parag. xxii –u wara l-kliem "Qal ukoll li ser issir ligi" jiżdiedu l-kliem "*dwar il-Kunsilli Skolastiċi".*
- Il-Kunsillier Lawrence Bonavia talab sabiex issir korrezzjoni f'paġna 6 parag.i.ii u minflokk Triq il-Kbira tiġi taqra Triq Santa Marija.

Il-Kunsill unanimament qabel ma dawn il-korrezzjonijiet. Is-Seg. Eek. infurmat lill-kunsill li tali korrezzjonijiet kienu ser jihdru fil-Minuti li jmiss.

ii. Il-Minuti tal-Laqgħa nru. 57/07 tat-26 ta' Settembru 2016 fis-18:00pm, ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

2. **Punti Mqajma mill-Minuti**

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, għadna l-istess. Żied jgħid li għadna qed nistennew l-avukat tagħna jagħtina risposta. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

i.i Sadanittant spjega s-Sindku Paul Farrugia li nhar it-Tlieta 25 t'Ottubru 2016 kellna każ fi Triq Ħal Luqa fejn irriżulta li l-Kuntrattur Vella Group kien qed jaħdem mingħajr permess. Żied is-Sindku jgħid li s-Seg Sżek. marret fuq il-post u lavrant tiegħu ċempel lis-Sur Jimmy Vella u kelmitu s-Segretarju Sżekuttiv. Dan spjegalha fuq fuq x'kien qed isir fi Triq Luqa u beda jistaqsiha wkoll fuq dawn il-pendenzi relatati max-xogħol tal-PPP u hi weġbitu li bħalma jaf tajjeb hu kollox kien qiegħed f'idejn l-avukat u jekk ried xi tweġibiet kellu jirrikorri għand l-avukat.

ii. Is-Sindku rigward il-vandaliżmu li kien sar fuq il-gazebo, qal li wara li għaddejna l-filmat lill-pulizija u ġibna stima tal-ħsara tal-bieb, issa ġejna nfurmati li l-Ispettur bgħat għal 3 persuni u ser iressaqhom, infurmana wkoll li dawn aċċettaw li jħallsu l-ispejjeż. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sa' dak il-ħin tal-laqgħa ħadd minn dawk msejħa mill-pulizija ma ġie biex ikellimna hekk kif kien infurmana l-Ispettur. Vandaliżmu

ii.i Il-Kunsillier Frans Agius qal li hemm bzonn li hemm barra jifmhu li min ikisser iħallas.

iii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-aħħar kien wasal l-appell u li kellu jinstema' f'Jannar 2017. Turf tal-ground 5 aside

iv. Rigward xi pendenzi fuq *traffic management* f'Ħal Tarxien, is-Sindku qal li wara *meeting* li kellu mal-konsulent fl-uffiċċju tat-TM, irċevejna tweġiba għad-diversi pendenzi li kellna mal-istess TM. Traffic Managment

iv.i Ġiet aċċettata l-emenda tal-pjanta ta' quddiem Tarxien Rainbows FC u għaldaqstant jista' jinħareġ il-Compliance Certificate mill-PA;

iv.ii Triq Betta, wara li l-ex Sindku Joseph Abela kien neħħa l-pots bil-pjanti biex il-karrozzi kienu jistgħu jipparkjaw, hekk kif reġa tela' hu bħala Sindku xi residenti kienu qed jilmentaw miegħu għaliex ma riedux li l-karrozzi jipparkjaw u għaldqstant issa ser isiru bollards hekk kif propost mit-TM.

iv.iii Ġiet approvata li ssir zebra cross fi Triq Xintill.

iv.iv It-talba għal Reserved Parking quddiem il-ħanut FIX-IT fi Triq il-Knisja ġiet approvata;

iv.v It-talba sabiex issir zebra crossing fi Triq San Tumas ma ġietx approvata mit-TM u dan għaliex kullimkien bil-garaxxijiet tad-djar.

iv.vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu waslu diversi talbiet mingħand residenti sabiex jiġu kkunsidrati:-

iv.vi.i
- Bollards jew barrier fi Triq il-Knisja k/m Triq Palma;
- Mera Triq Sorijiet għal Triq Annunzjata;
- Tabella għal No Parking quddiem Club tal-Ħamiem;

Il-Kunsill qabel unanimament li dawn it-talbiet jintbgħatu għall-kunsiderazzjoni ta' TM.

iv.vi.ii Waslet ukoll proposta biex fi Triq Sorijiet faċċata tal-iskola Immaculate Conception mal-bankina jsiru xi bollards sabiex il-vannijiet ma jitilgħux fuq il-bankina. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din il-proposta.

iv.iv.iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm bżonn li jitwaħħlu 4 bollards fi Triq l-Iskola quddiem il-ħanut ta' Confectionery. Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru. 4 bollards fi Triq l-Iskola

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rega saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar DNO fuq l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass peress li għadna kif konna u għadna qed nistennew. Qal ukoll li l-Perit Mintoff kellu jerġa jiċċekkja mal-PA u jkellimna lura. Ġnien Kurunell Mass

vi. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li konna għaddejna d-dettalji lill-Avukat tal-Kunsill tal-persuna li kien kellu l-inċident fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra u għadna qed nistennew mingħandu. Inċident monument – Avukat UNTOURS

vii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku spjega li waqt laqgħa mal-Perit Mintoff fil-file li għandu l-Kunsill il-Perit sab pjanta aġġornata bil-proġett kif inhu llum. Jidher li allura l-permess kien ħareġ fuq din il-pjanta l-ġdida u għaldaqstant ma jistax jifhem kif l-COMPLIANCE CERTIFICATE baqa qatt ma ħareġ mill-Planning Authority. Is-Sindku talab kopja ta' xi pjanti lis-Seg. Eżek. sabiex jerġa jmur bihom għand il-PA. Meter Ġnien Ovindoli

viii. Rigward il-proposta ta' Bye Law sabiex l-Kunsill ikun jista' jiġbor flus miġbura mill-attivitajiet u jkunu jidhru fil-kotba tal-Kunsill biex b'hekk ikun hemm aktar kontroll, ktibna lid-Dipartiment Gvern Lokali pero sadanittant inħarġet Ċirkolari nru 34/2016 biex isservi bħala linji gwida għall-Kunsilli Lokali. BYE Law ġbir ta' flus minn attivitajiet

ix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li jidher li x-xogħol fuq Triq San Franġisk miexi u avvanza sewwa. Xogħol mit-TM fi Triq San Frangisk

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa mal-kumpanija GREEN MT saret nhar l-4 t'Ottubru 2016 u li għaliha kien hemm preżenti 2 rappreżentanti mill-Green MT kif ukoll miegħu kien hemm il-Kunsillier Ismael Dalli u s-Seg. Eżek. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bins mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inhawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll bins tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola ġew approvati u ser ikunu sponsorjati mill-istess Green MT. Sadanittant qal is-Sindku li l-bins tal-ħġieġ għall-hwienet ghadhom pendenti. Informa wkoll lill-Kunsillieri li kienet ser issir recyling day. Laqgħa GREEN MT – Bins

xi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li dwar l-ħaddiema taħt l-COMMUNITY WORK SCHEME li b'kollox assenjati magħna għandna 8 kif ukoll dwar l-iffirmar tal-Memorandum of Understanding li fost oħrajn hemm klawżola li l-Kunsill Lokali jrid jħallas lil kull ħaddiem performance bonus ta' €300 fis-sena għadna ma rċevejniex linji gwida mingħand id-Dipt. Gvern Lokali. Community Work Scheme

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-proġett ta' skambi bejn gruppi varji, mexjin bin-negozjati biex isiru dawk il-proġetti. Sadanitant nhar it-30 ta' Settembru 2016 saret laqgħa mal-Kuntrattur tal-Kunsill fejn ġie diskuss iktar dan il-kaz. Il-kuntrattur għandu jinfurmana bid-dettalji. — Ġemellaġġ ma' Ovindoli

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna ktibna lill-Planning Authority dwar it-talba għal żvilupp ta' bini fi Triq l-Assedju Kbir li min naħa tagħhom kienu rreferewna fis-sit elettroniku biex stajna naċċessaw xi dokumenti. Mid-dokumenti li kellna ma kien hemm xejn x'juri li l-Kunsill kien għamel xi oġġezzjonijiet. Is-Sindku talab kopja ta' dawn id-dokumenti sabiex personalment imur il-PA u jistaqsi dwar dan il-każ. — Żvilupp ta' bini fi Triq l-Assedju Kbir

xiv. CIRKOLARI DLG 8/2016 – LIBRERIJI . Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li diġa kienu nxtraw xi kotba u konna għadna qed nistennew xi oħrajn peress li kienu out of stock. — CIRKOLARI DLG 8/2016 – LIBRERIJI

xv. CIRKOLARI DLG 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016 . Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment kien bgħat biss *acknowledgement* li waslitlu l-applikazzjoni tal-Kunsill. Fakkret ukoll li l-Kunsill kien għamel it-talba għas-salib ta' Triq Tempji Neolitiċi k/m Triq Sta Marija. — CIRKOLARI 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016

xvi. Is-Seg. Eżek. qalet li d-Dipt kien bgħatilna *checklist* tal-proċedura għall-GEMELLAGG. mal-lokalita ta' LULA fl-Italja. Din ser jieħdu ħsiebha is-Sindku Paul Farrugia flimkien mas-Seg. Eżek. — Proċedura – Ġemellaġġ LULA

xvii. Rigward il-laqgħa mal-Kumitat tal-Festa din il-laqgħa ser issir nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru fis-19:00pm ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. — Laqgħa Kumitat tal-Festa

xviii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ż-żewġ ħatriet għall-impjieg full time bħala Assistenti Skrivani fuq skala 16 ġew effettivi u l-impjegati in kwistjoni bdew nhar it-12 ta' Settembru 2016. Sadanittant żied jgħid li dwar iż-żewġ trainees l-oħra peress li bqajna mingħajr risposta effettiva mingħand iċ-Chairman tal-Jobsplus, kien qed jissuġġerixxi li tali talba tintbgħat lill-Onor. Seg. Parlamentari Stefan Buontempo. Il-Kunsill qabel unanimanet ma' dan is-suġġeriment. — Approvazzjoni żewġ ħatriet għall-impjieg full time bħala Assistenti Skrivani fuq skala 16.

xix. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. kienet resqgħet quddiem il-Kunsill Lokali żewġ ismijiet ta' Segretarji Eżekuttivi attwali sabiex f'każ ta' assenza fit-tul tagħha jkunu jistgħu jservu bħala Deputati fil-Kunsill Lokali Ħal Tarxien. — ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

xix.i Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan u ġie deċiż li għalissa ebda persuna ma tiġi approvata għal dan ir-rwol u dan għaliex jidher li l-Assoċjazzjoni Gvern Lokali kienet għadha ma ħarġitx direttiva lill-Kunsilli Lokali dwar din il-materja.

xx. Hekk kif mitlub fl-aħħar laqgħa ta' Settembru, is-Seg Ezek ipprezentat rapport dwar infieq u spejjeż bejn l-amministrazzjoni ta' l-Ex Sindku Joseph Abela u l-Amministrazzjoni preżenti tas-Sindku Paul Farrugia. Dan ir-rapport qed jiġi mehmuż ma dawn il-Minuti u mmarkat bħala Dok 'A'. — Rapport ta' Infieq u Spejjeż

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet stedina mingħand il-PARAGON EUROPE dwar seminar bis-suġġett *Climathon Live Broadcasting* nhar it-28 ta' Ottubru 2016.

i.i. Ħadd mill-Kunsillieri ma seta jattendi.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand il-WEEE sabiex jaraw il-possibilita li l-Kunsill Lokali jpoġġi skip għall-użu tal-pubbliku għall-rimi ta' skart — Skip – skart elettroniku

elettroniku. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u unanimament qabel li ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill mhemmx post fejn titpoġġa din l-iskip imma sadanittant kien qed jissuġġerixxi li din l-iskip titpoġġa fi triq quddiem il-Kunsill. Ser titntbgħat tweġiba f'dan is-sens.

## 4. Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

i. *Rapport mill-Viċi Sindku Keith Darmanin*

Il-Viċi Sindku rraporta li kellu intervista minn surġent tal-pulizija li kien qed jagħmel t-teżi tiegħu fuq in-neighbouhood watch.

ii. *Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

ii.i Is-Sur Agius qal li kienu bdew il-korsijiet tal-LIFELONG LEARNING tal-Ingliż, kif ukoll tal-*card making.*

ii.ii Is-Sur Agius qal wkoll li kellu proposta fuq bazi personali mill-Kumitat li qed jipprepara ċ-ċelebrazzjonijiet tal-450 sena parroċċa sabiex waħda mill-attivitijiet issir b'mod konġuntmal-Kunsill Lokali u tkun tikkonsisti fi tberik tal-annimali Iktar dettalji kienu ser jingħataw iktar il-quddiem. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-attivita' ssir u li ssir b'mod konġunt.

iii. *Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia*

iii.i Il-Kusillier Bonavia nforma lill-Kunsill li t-tilqima tal-influwenza kienet ser tingħata nhar it-18 ta' Novembru 2016 filgħodu minn ġewwa l-Berġa.

vi. *Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

vi.i Is-Sra Vella qalet li kienet ser torganizza ħarġa Chateau Buskett nhar it-3 ta' Nov 2016. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir din l-attivita'.

vi.ii Is-Sra Vella qalet li kienet ser torganizza buffet breakfast nhar il-15 ta' Diċembru 2016 ġewwa l-Vivaldi Hotel. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir din l-attivita'.
approvata.

vi.iii Is-Sra Vella qalet li kienet ser torganizza ħarġa għat-tfal fi żmien il-Milied fejn kien propost li jeħduhom iċ-ċinema ġewwa Buġibba. Talbet lill-Kunsill sabiex japprova li jinxtraw xi ħelu u li jitħallas il-coach mill-istess Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel li jinxtraw il-ħelu u li jitħallas il-coach kif ukoll li din l-attivita' ssir.

## 5. Korrispondenza

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Street Naming Committee kienu bgħatu email b'suġġeriment li TRIQ XINTILL ssir Triq Dom Mintoff. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel unanimament li Triq Xintill ma tinbidilx u dan għaliex din it-triq hija sinonima mal-Perit Duminku Mintoff. Triq Xintill – Triq Dom Mintoff

i.i Ġie ssuggerit li minflok tinbidel Triq Dar tal-Kejka u din issir Triq Dom Mintoff. Din it-triq tinsab ukoll biswiet Triq Moyra Mintoff – mart il-Perit.

i.ii. Sadanittant il-Kunsillier Frans Agius ssuġġerixxa li l-isqaqien ta' wara l-knisja jiġifieri Sqaqien Britaniku 1 u 2 jinbidlu u jigu TREJQA VINCENT BATTISTINO – RIĊERKATUR STORIKU, u l-ieħor IT-TABIB KARL CHIRCOP – MEMBRU PARLAMENTARI. Il-Kunsill unanimament qabel li din il-proposta tintbgħat lis-Street Naming Committee għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Ismijiet ta' Toroq

ii. Is-Seg. Eżek. Infurmat lill-Kunsill li d-DLG kien bgħat formola ta' applikazzjoni dwar SKEMA TA' GĦAJNUNA FINANZJARJA GĦALL-KORSIJIET TAL-*LIFELONG LEARNING* 2016-17 *(MEMO 4/2016).* Din l-applikazzjoni ser jieħu ħsiebha l-Kunsillier Frans Agius u jirraporta f'laqgħa oħra li jmiss. Lifelong Learning

## 6. Attivitajiet għal żmien il-Milied 2016

i. Il-Kunsill unanimament qabel li naraw kemm jiġi jiswa kieku kellna narmaw u nżejnu l-qalba tar-raħal għall-żmien il-Milied. Ġie ssuġerit li l-ewwel nistaqsu lill-Kuntrattur tad-dawl tagħna Nexos u jekk ma joffrix dan is-servizz fil-kaz nistaqsu lil xi kunsilli oħra li jarmaw fi żmien il-Milied.

i.i Il-Kunsill qabel unanimament li jekk l-ispiża tkun tali li tista ssir b'direct order fil-każ l-amministrazzjoni tista' tmexxi bl-ordni.

ii. Il-Kunsill qabel unanimament li nixtru xi *ornamental lights* għall-Ġnien Veliko.

iii. Il-Kunsill qabel unanimament li ngħidu lill-Kuntrattur tal-Kunsill NEXOS sabiex għal din is-sena wkoll jarmalna il-ġonna b'tiżjin tal-Milied.

iv. Il-Kunsill qabel unanimament li l-ikla tal-Milied tal-Kunsill flimkien mal-istaff issir nhar is-16 ta' Diċembru 2016.

## 7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;

i. Ġiet imressqa Skeda ta' Pagamenti Nru. 44/07 għall-fatturi ta' Ottubru 2016. Din ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ANSEK kienet bgħatet stedina lis-Seg. Eżek. sabiex min irid kien qed ikollu l-oppurtunita' li jattendi għal-Konferenza Annwali tal-UDITE ġewwa Spanja u l-Portugal. L-ispejjeż kienu jammontaw għal madwar €400 - €500 u u jkunu jridu jitħalsu bis-Subsistance Allowance skond il-liġi. Peress li s-Seg. Eżek. wriet ix-xewqa li tattendi kien qed jipproponi u l-Viċi Sindku ssekonda li s-Seg. Eżek. tattendi għal din il-Konferenza internazzjoni u li titħallas is-subsistance allowance meħtieġa. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir hekk.

## 8. Materji Oħra

Ma kienx hemm iktar x'jiġi diskuss.

## 9. Aġġornament

i. Il-laqgħa ntemmet fi 8.15pm.

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar l-Erbgħa 24 ta' Novembru 2016 fis-6:00PM.

| | |
|---|---|
| (Iffirmata) | (Iffirmata) |
| ______________________ | ______________________ |
| **Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ | **Sna. Antonella Galea** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek** |